**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 25 ta' Gunju 2020**

**Rikors Numru 110/2019**

**Jonathan Spiteri Terribile**

**vs**

**Manager tas-Sigurta` fl-Ajruport**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Jonathan Spiteri Terribile**ipprezentat fil-5 ta' Novembru 2019 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"1. Illi r-rikorrenti applika ghal hrug ta' security pass tal-ajruport skont id-disposizzjonijiet tal-Legislazzjoni Sussidjarja 405.04 ossija r-Regolament dwar Sigurta' fl-Ajruport (Background Checks);*

*2. Illi permezz ta' ittra datata t-18 t'Ottubru, 2019, l-intimati nformaw lir-rikorrenti li l-applikazzjoni tieghu kienet qed tigi michuda u dan ghar-raguni li minn informazzjoni moghtija mill-Pulizija rrizulta li r-rikorrenti kien instab hati ta' reat inkluz fit-Tieni Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja fuq citata;*

*3. Illi r-reat li qed jirreferi ghalih l-intimat jirrisali lura ghas-sena 2009. Huwa minnu li ta' dan ir-reat ir-rikorrenti nstab hati fil-15 ta' Gunju, 2012 u cioe' tliet snin wara;*

*4. Illi l-Artikoli 8(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 405.04 jipprovdi illi:*
*8. (1) Jekk, mill-informazzjoni moghtija lill-Manager, jirrizulta li l-applikant gie misjub hati ta' reat elenkat fit-Tieni Skeda u li l-piena moghtija kienet perjodu ta' prigunerija ta' bejn sitt xhur u tletin xahar, sew jekk dak il-perjodu ta' prigunerija kienx sospiz jew le ghal perjodu, security pass*

*jista' jinhareg wara li jghaddu ghaxar snin mid-data tas-sentenza li ghaddiet f'gudikat dwar is-sejba ta' htija.*

*5. Illi bhala stat ta' fatt, fil-15 ta' Gunju, 2012, ir-rikorrenti gie kkundannat ghal piena ta' tmintax-il xahar habs sospizi ghal tliet snin;*

*6. Illi r-rikorrenti jissottometti bir-rispett illi dan ir-regolament ma jipprovdix mekkanizmu li permezz tieghu r-rikorrenti jista' jressaq talba biex jinstema' u jitlob revizjoni tal-kaz tieghu minhabba cirkostanzi partikolari;*

*7. Illi r-regolament fuq citat m'hu xejn ghajr blanket ban fuq kull min ikun ikkommetta reat indikat fit-Tieni Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 405.04 u li tieghu jkun gie kkundannat piena karcerarja ta' aktar minn sitt xhur. Din il-blanket ban hija ghal perjodu ta' ghaxar snin;*

*8. Illi r-rikorrent jissottometti illi dan ir-regolament huwa leziv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti partikolarment ta' dawk id-drittijiet protetti permezz tal-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*9. Illi dan qed jirreferi primarjament ghall-fatt illi d-data personali tar-rikorrenti qieghda tintuza sabiex huwa jigi mcahhad minn certu drittijiet minghajr ma jinghata l-opportunita' li jinstema' u jressaq il-kaz tieghu;*

*10. Illi l-Qorti Ewropea diga' kellha l-okkazzjoni tesprimi l-posizzjoni taghha dwar l-uzu ta' data personali bhal record ta' reati li jkunu saru fil-passat fil-kaz fl-ismijiet* ***Case of MM vs United Kingdom*** *(24029/07) deciz fit-13 ta' Novembru, 2012. Il-Qorti Ewropea spjegat illi:*
*188…In this regard the Court, like Lord Hope in R (L), emphasises that although data contained in the criminal record are, in one sense, public information, their systematic storing in central records means that they are available for disclosure long after the event when everyone other than the person concerned is likely to have forgotten about it, and all the more so where, as in the present case, the caution has occurred in private. Thus as the conviction or caution itself recedes into the past, it becomes a part of the person's private life which must be respected (see Rotaru, cited above, §§ 43-44).*

*11. Illi l-Qorti Ewropea ssemmi wkoll a right to review tas-sitwazzjoni taghha b'referenza ghall-uzu tad-data personali u privata taghha anki jekk ghal skopijiet legittimi;*

*12. Illi fil-fatt l-Awtorita' tal-Avjazzjoni Civili fl-Ingilterra (CAA) nediet sistema msejha "Certificate of Disregard" fejn persuna jkollha dritt titlob li reati li hija tkun ghamlet fil-passat ma jittiehdux in konsiderazzjoni meta tigi evalwata applikazzjoni taghha ghal xi licenzja f'dak il-qasam (tal-avjazzjoni);*

*13. Illi meta tigi processata applikazzjoni ghall-hrug ta' Certificate of Disregard, l-Awtoritajiet Inglizi jiddeciedu fuq zewg mistoqsijiet krucjali riprodotti testwalment:*
*(i) Does the conviction and the information provided suggest that the person is a threat to aviation security?*

*(ii) Based on the information provided, does the applicant demonstrate honesty, reliability and trustworthiness sufficient to work in an aviation security role that requires a background check?*

*14. F'dan il-process l-applikant jithalla jipprezenta provi dokumentarji in sostenn tat-talba tieghu bhal:*
*i. A valid disclosure certificate (dated within 10 weeks of issue and, where possible, an original);*
*ii. A clear explanation of why, in your opinion, the disqualifying conviction should be disregarded. This should include an information relating to the assessment criteria;*
*iii. At least one character reference;*
*iv. Any documentation available from the criminal trial(s) that resulted in the disqualifying conviction(s).*

*15. Illi mbaghad is-sigurta' Ingliza tiddelinea numru ta' kriterji li fuqhom imbaghad l-Awtorita' tiddeciedi jekk dik il-kundanna ghandhiex tigi konsiderata ghall-hrug tal-licenzja jew permess partikolari:*
*i. Age of the conviction: recent convictions 'score' higher than older convictions. If the applicant has more than one disqualifying conviction on record, this will be based on the most recent conviction.*
*ii. Seriousness of the offence: this is based on the sentence handed down for each conviction. Custodial sentences, including suspended sentences, score higher than small fines or short community services orders.*
*iii. Nature of conviction: This is based on what the conviction is and who the victim was, and takes into account the defendant's plea in court. E.g. a conviction for grievous bodily harm on an innocent victim will score higher than minor theft or criminal damage.*
*iv. Circumstances surrounding the conviction: Any mitigating factors that the applicant puts forward (e.g. provocation, misunderstanding, or immaturity) will be considered. Whether or not the applicant has a pattern of offending or multiple convictions will also be considered.*
*v. Character references: These will be assessed based on who they are from and the weight and depth of what is written. For more information, see the section below.*

*16. Illi bir-rispett, il-Legislazzjoni Sussidjarja 405.04 hija kompletament sajma mill-protezzjoni adekwata tant li r-rikorrenti jissottometti li din il-legislazzjoni hija leziva tad-drittijiet fundamentali protetti mill-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea kif riflessi fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*17. Illi ghaldaqstant, ir-rikorrenti qed jipprezenta dan l-appell u qed jirriserva minn issa li jitlob lil dan it-Tribunal jaghmel referenza kostituzzjonali jekk ikun il-kaz.*

*Ghalhekk, fid-dawl li rikorrenti qed ihoss ruhu aggravat bid-decizjoni tal-intimat, jistieden lill-intimat jghid ghaliex dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux jordnalu jawtorizza l-hrug tas-security pass tal-ajurport f'isem ir-rikorrenti."*

Ra r-risposta **tal-*Manager* tas-Sigurta` fl-Ajruport** pprezentata fid-29 ta' Novembru 2019 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

1. *"Illi in linea preliminari, dan l-appell mid-deċiżjoni tal-Manager tas-sigurta` fl-ajruport għandu mill-frivolu ġjaladarba r-rikorrent naqas milli jimposta l-appell tiegħu fuq waħda miż-żewġ raġunijiet li skont l-artikolu 10 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 405.04 wieħed jista' jsejjes appell fuqhom. L-artikolu 10 jipprovdi d-dritt għall-appell mid-deċiżjoni tal-Manager limitatament fuq żewġ raġunijiet, ossija meta; i) "r-reat inkwistjoni m'huwiex wieħed mir-reati elenkati fit-Tieni Skeda" jew meta ii) "il-perjodu ta' rijabilitazzjoni provdut fir-regolament 8 kien iddekorra". L-ebda raġuni minn dawn msemmija ma tissussisti fil-każ odjern. Ir-reat in kwistjoni* ***huwa*** *wieħed mir-reati elenkati fit-Tieni Skeda*[1]*, u l-perjodu ta' riabilitazzjoni provdut fl-artikolu 8 għadu ma ddekkorriex*[2] *mid-data tas-sentenza, u għalhekk ir-rikorrent ma seta' qatt jappella mid-deċiżjoni tal-Manager. Isegwi għalhekk li dan l-appell huwa null ab initio;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu l-esponent Manager tas-Sigurta` tal-Ajruport jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għaliex kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma joħroġx l-Airport Security Pass lir-rikorrent a bażi tal-Artikolu 8(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 405.04 (Regolament dwar Sigurta` fl-Ajruport [Background Checks]) kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori tas-smiegħ ta' din il-kawża;*

3. *Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrent, nhar il-ħmistax (15) ta' Ġunju, 2012, nstab ħati talli "f'dawn il-Gżejjer, f'Car Clinic VRT Centre fi Triq il-Gżira, Gżira, fil-11 ta' Novembru, 2009 u fil-jiem u x-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita` pubblika, xjentement għamel dikajrazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz, u ċioe` ċertifikat tal-VRT foloz; Fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li kisru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bħala operatur jew persuna li kellha liċenzja biex tittestja, ħareġ ċertifikati li kienu juru li l-vetturi għaddew mit-test meta l-istess vetturi ma kinux ġew ittestjati" u ġie kkundannat għal "tmintax (18)-il xahar priġunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għall-perjodu ta' tlett (3) snin millum" (...) b'applikazzjoni tal-Artikolu 30(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u tar-Regolament 25 tal-L.S. 65.15 l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-liċenzja maħruġa f'isem l-imputat sabiex ikun jista' jagħmel testijiet sabiex jivverifika vetturi bil-mutur (Operatur tal-VRT) u dan għal żmien tlett (3) xhur millum"* [3]. *B'hekk* ***Il-Manager esponent irrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent wara li kkunsidra li dan ir-reat jinkwadra taħt it-Tieni Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 405.04, u l-perjodu ta'riabilitazzjoni prefiss fl-artikolu 8(1) tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja għadu ma ddekkorriex;***

4. *Illi l-Artikolu 8(1) ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Manager tas-Sigurta` tal-Ajruport, iżda* ***jimponi obbligu fuq il-Manager*** *li jirrifjuta ħruġ ta` liċenzja jekk tkun tissussisti*

---

1 It-Tieni Skeda, Artikolu 2(d) - id-delitti msemmija fit-Titolu V tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali - Fuq id-Delitti kontra l-Fiduċja Pubblika;

2 F'dan il-każ partikolari għaxar (10) snin;

3 Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Ġunju, 2012, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Spiteri –** Maġistrat Dr Audrey Demicoli.

*sitwazzjoni taħt l-artikolu 8(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 405.04. Illi l-unika diskrezzjoni li jagħti l-artikolu 8(1) lill-Manager fejn ikun f'qagħda li jista' jiddeċiedi li joħroġ security pass ta' dan it-tip huwa f'każ ta' trapass ta' għaxar snin minn meta s-sentenza tkun għaddiet f'ġudikat dwar is-sejbien ta' ħtija. Isegwi għalhekk li fil-każ odjern, il-Manager ikun jista' biss jikkunsidra li joħroġ l-imsemmi security pass wara t-trapass ta' għaxar (10) snin mill-15 ta' Ġunju, 2012, u ċioe` mid-data tas-sentenza;*

5. *Illi l-esponent ma jistax jaqbel mal-argument imressaq mir-rikorrent fil-paragrafi 6 u 7 tar-rikors tiegħu fejn jirreferi għall-artikolu 8 bħala blanket ban fuq kull min ikkommetta reat indikat fit-Tieni Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 405.04 u li ma hemm l-ebda mekkaniżmu li permezz tiegħu ir-rikorrent jista' jressaq talba biex jinstema' u jitlob reviżjoni tal-każ tiegħu. Forsi m'huwiex mekkaniżmu konvenjenti għar-rikorrent, pero` mekkaniżmu hemm u l-artikolu 8 tal-Liġi Sussidjarja ċertament mhuiex blanket ban. Tant kemm l-artikolu 8 mhuwiex blanket ban tant li jipprovdi għal perjodi ta' riabilitazzjoni differenti skont il-piena inflitta. Illi ġjaladarba rikorrent kien ikkundannat għal tminitax (18)-il xahar priġunerija sospiżi, japplika s-sub-inċiż (1) tal-artikolu 8 tal-Liġi Sussidjarja u l-perjodu ta' riabilitazzjoni relattiv għal din il-kundanna hija dik ta' għaxar snin;*

6. *Illi b'referenza għall-paragrafi 8, 9, u 10 tar-rikors tar-rikorrent, l-esponent assolutament ma jaqbilx mal-argument li r-regolament huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tal-istess rikorrent. Huwa fl-interess pubbliku li meta l-Manager ikollu quddiemu applikazzjoni għal-security pass isir l-iskrutinju neċessarju qabel ma applikant jingħata l-istess security pass. Fil-mument li r-rikorrent applika għas-security pass kien qiegħed ipoġġi lilu nnifsu għall-iskrutinju tal-Manager u għall-background checks neċessarji kif tipprovdi l-Leġislazzjoni Sussidjarja 405.04. Il-każ fl-ismijiet* **Case of MM vs United Kingdom** *(24029/07) ċitat mir-rikorrent ftit li xejn għandu relevanza għall-din il-vertenza ġjaladarba il-fatti fil-każ ċitat mhumiex kompatibbli ma' dak odjern;*

7. *Illi r-reati elenkati b'mod eżawrjenti fit-Tieni Skeda tal-Liġi Sussidjarja 405.04 huma reati li kollha jinvolvu xi forma ta' vjolenza, diżonesta` jew abbuż ta' fiduċja li tista' tindika vulnerabilita` jew żieda f'tendenza li jkun hemm ksur ta' sigurta`. Minħabba f'hekk, il-leġiżlatur ħa ħsieb illi permezz tal-artikolu 8 jipprovdi perjodi ta' riabilitazzjoni wara li tkun ingħatat is-sentenza għal wieħed mir-reati elenkati fit-Tieni Skeda qabel ma wieħed ikun jista' jerġa japplika għal airport security pass;*

8. *Illi fil-mument li jkun għadda l-perjodu ta' riabilitazzjoni r-rikorrent ikun jista' japplika għas-security pass in kwistjoni u l-Manager ikun f'qagħda diskrezzjonarja li jiddeċiedi jekk joħroġx is-security pass. B'hekk, wara l-perjodu ta' riabilitazzjoni, jkollna sitwazzjoni fejn għalkemm xorta waħda r-rikorrent ikun ikkommetta reat li jaqa' taħt it-Tieni Skeda tal-Liġi Sussidjarja 405.04, il-Manager ikun f'qagħda li jiddeċiedi jekk dan is-security pass għandux jingħata;*

9. *Illi dan jingħad fid-dawl tal-argument miġjub mir-rikorrent dwar is-sistema Ingliża, proprju fir-rigward tas-Certificate of Disregard. Tajjeb li jkun ippreċiżat li sabiex Certificate of Disregard jingħata, l-ewwel iridu jsiru bosta evalwazzjonijiet. Anke f'każ li applikant jingħata Certificate of Disregard, dan ma jservix ta' mandat sabiex ikun maħruġ security*

*pass. Id-deċiżjoni finali sabiex jingħata airport security pass tibqa' tispetta lill-Awtorita` kompetenti, kif wara kollox jiġri lokalment;*

10. *Illi finalment mingħajr preġudizzju għas-suespost u b'referenza għat-talba tar-rikorrent, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-esponent jawtorizza l-ħruġ ta' airport security pass. Se mai dan l-Onorabbli Tribunal jista' jordna lill-esponent jerġa jikkonsidra d-deċiżjoni minnu mogħtija, u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Ra illi l-ewwel eccezzjoni tal-*Manager* intimat ghandha tigi trattata b'mod preliminari;

Sema' l-provi u ra n-Nota ta' osservazzjonijiet dwar l-istess eccezzjoni tal-*Manager* intimat;

Ra li r-rikors gie mholli ghal sentenza dwar l-istess eccezzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi mir-rikors promutur jirrizulta illi r-rikorrent qieghed jikkontesta decizjoni tal-*Manager* intimat li rrifjuta li johroglu *security pass* sabiex ikun jista' jaccedi f'diversi zoni tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u dan abbazi tal-Legislazzjoni Sussidjarja 405.04 (Regolamenti Dwar Sigurta` fl-Ajruport (Background Checks)).

Ir-raguni mghotija fid-decizjoni appellata datata 18 ta' Ottubru 2019 (Dokument A a fol. 5) jirrizulta li hi li r-rikorrent kien instab hati ta' reat inkluz fit-Tieni Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja hawn fuq citata.

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu, il-*Manager* intimat jeccepixxi illi l-appell odjern mhux impostat fuq wahda miz-zewg ragunijiet li skont Regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 405.04 jaghtu lok ghal appell. Dawn iz-zewg ragunijiet huma s-segwenti, u cioe`:

1. Meta l-*Manager* intimat ikun irrifjuta li johrog *airport security pass* abbazi ta' reat li ma jkunx elenkat fit-Tieni Skeda, jew
2. Meta l-*Manager* intimat ikun irrifjuta li johrog *airport security pass* wara li jkun ghadda l-perjodu ta' rijabilitazzjoni provdut fir-Regolament 8.

Illi c-citat Regolament 8 (1)  tal-Legislazzjoni Sussidjarja 405.04 jghid is-segwenti:-

*"Jekk, mill-informazzjoni mogħtija lill-Manager, jirriżulta li l-applikant ġie misjub ħati ta' reat elenkat fit-Tieni Skeda u li l-piena mogħtija kienet perjodu ta' priġunerija ta' bejn sitt xhur u tletin xahar, sew jekk dak il-perjodu ta' priġunerija kienx sospiż jew le għal perjodu, security pass jista' jinħareġ wara li jgħaddu għaxar snin mid-data tas-sentenza li għaddiet f'ġudikat dwar dik is-sejba ta' ħtija."*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fil-15 ta' Gunju 2012 ir-rikorrent kien instab hati illi fl-2009 wettaq delitt kontra l-fiducja pubblika.  Dawn it-tipi ta' reati jinsabu elenkati f'paragrafu 2 (d) tat-Tieni Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 405.04.  Mis-sentenza esebita (Dokument JC2 a fol. 46) jirrizulta wkoll illi l-piena inflitta kienet dik ta' tmintax (18)-il xahar prigunerja sospizi ghal tliet (3) snin.

Illi ghahekk huwa car li l-*Manager* intimat meta ghamel il-*background check* u rrizultalu li r-rikorrent kien inghata sentenza sospiza ta' tmintax-il xahar prigunerija dwar reat elenkat fit-Tieni Skeda kellu bilfors johrog ir-rifjut u dan peress li l-perjodu ta' rijabilitazzjoni jiskadi fil-15 ta' Gunju 2022.

Illi mill-korp tar-rikors jirrizulta li l-lanjanza principali tar-rikorrenti huwa dwar il-fatt li dan kollu huwa *blanket ban* fuq kull min ikun ikkommetta reat indikat fit-Tieni Skeda u li ma jezistix mekkanizmu biex titressaq talba u tigi ezaminata minhabba xi cirkostanzi partikolari.  Fil-fatt ir-rikorrent jissottometti wkoll illi l-istess Regolament hawn fuq citat huwa leziv tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

Illi kif diga gie pronunzjat diversi drabi, dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza sabiex jiddeciedi materji kostituzzjonali.

Illi ghalhekk wara li t-Tribunal qies ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz iqis li l-*Manager* intimat ghandu ragun jeccepixxi illi r-raguni mressqa mir-rikorrent f'dan l-appell ma hijiex wahda mir-ragunijiet elenkati f'Regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 405.05 u kwindi r-rikorrenti ma kellu l-ebda dritt ta' appell quddiem dan it-Tribunal. Ghalhekk, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-istess eccezzjoni ghandha tigi milqugha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi qieghed jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-*Manager* intimat.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu tar-rikorrenti.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**